MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Numru 1272/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Elliott James Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Elliott James Fenech iben Raymond u Patricia nee' Zammit Haber, imwieled Awstralja, nhar it-08/06/1985, residenti Ta' Lawrenzu, Triq il-Qbajjar, Zebbug, Gozo, detentur tal-karta ta' l-Identita numru 439998M gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-24 ta' Novembru 2006 u matul is-sena qabel din id-data:

Minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PG3 u nnutat li l-imputat Elliott James Fenech m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li d-Difiza, fil-Verbal tas-Seduta tallum, iddikjarat, b’referenza ghall-karta tal-flus esebita llum mill-Ufficjal Prosekutur bhala Dok PG5, li mhux kontestat li din il-karta tal-flus hi falza.

Inoltre nnutat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Pierre Grech, fil-Verbal tas-Seduta tallum, iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Elliott James Fenech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Pierre Grech fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-

Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Elliott James Fenech ghall-piena ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Elliott James Fenech jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok PG5 u ghal fini ta’ tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali biex jaghmel tali distruzzjoni fil-presenza ta’ rappresentant tal-Gvernatur tal-Bank Centrali u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta’ din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza.

Inoltre l-Qorti qed taghti lill-imputat Elliott James Fenech l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------